SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 05/K10/24**

Data tal-laqgħa: 2 t'Ottubru 2024

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Mario Amaira – Kunsillier
David Caruana – Kunsillier
Victor Vella – Kunsilliera
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Carlo Mifsud - Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Gabriel Borg Ferrando – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (1)**

Sean Gauci - Viċi Sindku

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Cher Carmen Fenech – Deputat Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Demanuele– Assistant Prinċipal

Preżenza tal-pubbliku – (3)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**05.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

05.1.01 Il-Viċi-Sindku Sean Gauci talab li jiġi skużat għal din il-laqgħa. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

05.1.02 Is-Sindku rringrazzja lill-kunsilliera u lill-istaff għal impenn u l-attendenza għal funeral, l-velja u l-attendenza fid-dar Centrali tal-Partit Nazzjonalista fejn il-Kunsilliera kollha taz-zewg partiti b'soliderajta iltaqghu u ffirmaw il-ktieb tal-kondoljanzi tal-eks Sindku Karl Gouder. Is-Sindku talab li ssir minuta silenzju.

05.1.03 Is-Sindku u l-Kunsilliera awguraw lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv għat-twelid tat-tifel tiegħu.

**05.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

05.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 04/K10/24.

05.2.02 Il-Kunsillier David Caruana ġibed l-attenzjoni li l-punt 04.03.14 jrid jitkompla 'ix-xogħol jibda minn kuntrattur ieħor u jkollu jħallas tax xogħol li jkun sar'. Filwaqt li dwar il-punt 04.06.09 għandha tinkiteb li 'Tiżdied spazju għall-parkeġġ fi Triq Jean Houel maġenb il-parkeġġ tal muturi'.

05.2.03 Il-Kunsillier David Caruana ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

05.2.04 Il-Kunsilliera Patricia Camillieri ssekondatu fl-approvazzjoni.

05.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

05.3.06 Saret sospensjoni tal-laqgħa sabiex tiġi diskussa l-item 05.7

***05.7 Approval of the audited financial statements after the auditors adjustments;***

05.7.01 L-accountant tal-Kunsill ta' spjegazzjoni tal-*financial statements after the auditors adjustments.* Wara l-ispjegazzjoni u l-mistoqsijiet tal-Kunsilliera, għaddew għal vot. Erba' Kunsilliera ivvutaw favur, ħadd ma ivvota kontra u l-erba' kunsilliera li dak iz-zmien ma kienux jaghmlu parti mill-Kunsill asstjenew minħabba li ma kienux kunsilliera fis-sena 2022 għalhekk iħossu li m'għandhomx jieħdu vot għal dan ir-rapport meta ma kienux preżenti f'dik is-sena.

05.7.02 Għalhekk l-*audited financial statements after the auditors adjustments* ġew approvati.

**05.3 Kommunizzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

05.3.01 Il-każ tal-ħamiem, ġie deċiż unanimament li ssir *bye-law* fir-rigward il-persuni li jitgħmu il-ħamiem. Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli għandha tmur tkellem lil persuna kkonċernata kif ukoll għandha tippreżenta lill-Kunsill punti ta kif għandhom jimxu l-*cat feeders*.

05.3.04 Dwar Ġnien Saver Żarb, ċ-ċermen informa lill-Kunsill li skont il-Perit tal-Kunsill, ix-xogħol ser jitkompla l-ġimgħa d-dieħla.

05.3.05 Iċ-Ċermen qara l-ittra li ntbagħatet lill-kuntrattur dwar it-tindif tal-*culverts* u nfurmahom li x-xogħol fuq il-*culverts* beda.

04.3.06 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar diversi korrispondenzi li l-Kunsill rċieva fir-rigward il-football pitch ta' Ta' Ġiorni, fejn ġie deċiż li ser issir laqgħa informali bejn il-Kunsilliera nhar is-Sibt 12 t'Ottubru 2024 fis-2.00p.m. sabiex tiġi diskussa din il-materja flimkien ma' materji oħra.

05.3.07 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm bżonn li jsir id-dawl maz-z-*Zebra Crossing* ta' ħdejn l-ALM Garage fi Triq Birkirkara kif ukoll tiġi rranġata z-*Zebra Crossing* ta' Triq il-Baltiku sabiex isir bid-dawl.

05.3.08 Fir-rigward l-iskema tal-attivitajiet Kulturali ġie deċiż li jiġi ffurmat Kumitat sabiex ikun jista' jorganizza dawn l-attivitajiet. Ġie deċiż ukoll li minflok is-Serata Muziko-Letterarja li kellha ssir fit-13 ta' Lulju 2024, ssir serata li tfakkar il-passat ta' Fr. Hilary Tagliaferro fl-okkażjoni ta' l-għeluq tad-disgħin sena. Din l-attività għandha ssir fit-8 ta' Diċembru 2024 u waqt din is-serata għandhu jintwera filmat fuq ħajtu, jitkellmu diversi persuni li jafuħ etc. L-attività tal-Milied għandha ssir fl-14 ta' Diċembru 2024.

05.3.09 Tressqet għal-attenzjoni tal-Kunsill email fir-rigward Ġnien Saver Żarb. Ġie deċiż li kopja ta' din l-email tintbagħat lill-Kunsillier David Caruana.

05.3.10 Dwar l-applikazzjoni ta' żewġ ħaddiema part-time ghal-handyman / Driver, ġie deċiż li din is-sejħa għandha tinħareġ bħala Part-time u jistgħu jaħdmu sa' massimu ta' 39 siegħa fil-ġimgħa.

05.3.11 Iċ-Ċermen ressaq l-email ta' ringrazzjament mingħand l-Każin Banda San Ġiljan għal-attenzjoni tal-Kunsill.

05.3.12 Fir-rigward it-talba dwar il-progett fil-bidu ta' Telghet San Giljan, l-Kunsill unanimament qabel li ghandhom issiru dawn ix-xogholijiet.

Is-Sindku ghandhu jiltaqa mar-resident biex jigu ccarati dawn l-affarijiet.

05.3.13 Dwar it-talba li l-Kunsill rċieva fir-rigward Triq Michelang Cagaino, ġie deċiż li l-Kunsill jibgħat *reminder* lit-Transport Malta dwar din it-triq madankollu, il-Kunsill ma jaqbilx mat-talba li jeħlu *bollards* fuq il-bankina.

05.3.14 Tressqet għal-attenzjoni tal-Kunsill talba sabiex ssir zebra crossing fi Triq Ta' Giorni. Il-Kunsill ġie nfurmat li din iz-zebra crossing qiegħda ppjanata fil-proġett li ser issir f'Ta' Ġiorni.

05.3.15 Fir-rigward it-talba li l-Kunsill rċieva sabiex issir mixja bil-klieb f'San Ġiljan, ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni diment li qabel jinħarġu l-permessi kollha meħtieġa.

05.3.16 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill rċieva risposta fin-negattiv mingħand il-Bank of Valletta fir-rigward it-talba li kienet saret sabiex jinfetaħ *branch* ġdida f'San Ġiljan. Iċ-Ċermen qara l-ittra ikkonċernata.

05.3.17 Inqrat l-email ta' ringrazzjament li l-Kunsill rċieva mingħand il-familja Gouder fir-rigward l-funeral tal-eks Sindku Karl Gouder.

05.3.18 Tressqet għal-attenzjoni tal-Kunsill oġġezzjoni li l-Kunsill rċieva fir-rigward applikazzjoni fi Triq Edward De Bono. Ġie deċiż li l-Kunsill ma joġġezzjonax għal proġetti żgħar.

05.3.19 Fir-rigward it-talba sabiex tissemma triq bla isem li tagħti għal Triq Santu Wistin, ġie deċiż li jiġi propost l-isem ta' Vjal Paceville.

05.3.20 Dwar l-email li l-Kunsill rċieva fir-rigward logħob tal-football li ser ikun organizzat mir-Regjun, ġie deċiż li din tintbagħat lill-Kunsilliera għal-attenzjoni tagħhom.

05.3.21 Fir-rigward il-proġett ta' Sirdar House, l-Kunsill qabel li jsir l-appell fuq dan il-progett. Il-Kunsillier Carlo Mifsud astjena minn kull deċiżjoni dwar dan il-każ minhabba kunfiltt ta' nteress.

**05.4 Evalwaturi tat-Tenders;**

05.4.01 Saret riferenza dwar l-evalwaturi tat-tender. Ġie deċiż li dawn jkunu jinbidlu għal kull tender li jkun ser joħroġ.

05.4.02 Ġie deċiż li fil-bord tat-tender '*Cleaning, upkeep and maintenace of public gardens and soft areas in St. Julians using environmentally friendly products and practices'* ser jkun hemm

Malcolm Agius Muscat bħala Segretarju tal-bord, is-Sindku Guido Dalli, l-Kunsillier Victor Vella, l-Kunsillier Carlo Mifsud kif ukoll il-Kunsillier David Caruana.

**05.5 Mozzjonijiet**

05.5.01 Tressqu għal-attenzjoni tal-Kunsill tlett mozzjonijiet li l-Kunsill rċieva mingħand il-Kunsillier Carlo Mifsud (Ara Appendiċi 'A'). Wara diskussjoni ġie deċiż li:

- Għandu jigi stabbilit kumitat li ser ikun magħmul mis-Sindku Guido Dalli, l-Kunsillier Victor Vella u l-Kunsillier Carlo Mifsud sabiex jsiru diversi laqgħat fir-rigward l-bdil tal-istemma.

- Fir-rigward il-mozzjoni dwar Trejqet il-Bajja ġie deċiż li din għandha tiġi sospiża sakemm issir evalwazzjoni wara s-sinjal u l-marki tat-traffiku.

- Dwar il-mozzjoni ta' Triq Lapsi, ġie deċiż li din il-mozzjoni għandha tiġi pendenti sakemm issir diskussjoni mas-Supretendent tal-Pulizija.

**05.6 Tismija ta' triq u maratona f'isem l-eks Sindku Karl Gouder;**

05.6.01 Iċ-Ċermen ressaq proposta li l-Kunsill rċieva sabiex tibda ssir maratona kull sena f'isem l-eks Sindku Karl Gouder. L-Kunsill qabel unanimament.

05.6.02 Fuq il-proposta li ssir l-isem tat-triq għal Karl Gouder ġie deċiż li tiġi propost li Triq it-Tamal tinbidel l-isem tagħha sabiex tissemma għal eks-Sindku Karl Gouder.

**05.8 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

05.8.01 Il-Kunsillier Carlo Mifsud issuġġerixxa li l-Kunsill għandu japplika għal-Vjal Kulhadd. Għalhekk ġie deċiż li għandha tintalab aktar informazzjoni dwar din il-attività mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

**05.9 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

05.9.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6338 sa 6391 (Ara Appendiċi 'B').

05.9.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**05.10 Skeda tal-Pagamenti**

05.10.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ippropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'Ċ').

05.10.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

05.10.03 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri s-sekondat fl-approvazzjoni.

**05.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

05.11.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 5 ta' Novembru 2024 fil- 5.00p.m.

05.11.02 Il-laqgħa ntemmet fid-9.00p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Cher Carmen Fenech**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Data: 05 ta' Novembru 2024**